**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 9 ta' April, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**-vs-**

**Daniel Briffa, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 62887M**

*Kumpilazzjoni Nru. 207/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Daniel Briffa u ċioè talli:

> F'dawn il-Gzejjer, nhar it-2 ta' April 2018, gewwa Triq Stiefnu Zerafa, Gharghur; 256, Triq San Giljan, Birkirkara; u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:
>
> **1.** Kellu fil-pussess tieghu u/jew zamm u/jew garr armi regolari u/jew l-munizzjon imsemmija fl-Iskeda I Taqsima I u/jew II tal-Kapitolu 480 ta' l-Att Dwar L-Armi liema armi huma ipprojbiti.
>
> **2.** Zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħ jew ġarr barra minn xi fond jew fiddintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II Taqsima I u/jew II tal-Kapitolu 480 ta' l-Att Dwar L-Armi u dan mingħajr ma kellu liċenza.
>
> **3.** Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju.

**4.** Meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjon, naqas li minnufih jaghti l-avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dak il-munizzjon ghandux jinzamm taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tghat l-avviz.

**5.** Saq vettura ta' ghamla Toyota Starlet bi numru ta' registrazzjoni EBI973 b'manjiera traskurata.

**6.** Saq jew gieghel jew ippermetta li tinstaq il-vettura ta' ghamla Toyota Starlet bi numru ta' registrazzjoni EBI973 fi triq meta il-hgieg ta' dik il-vettura ma kienx jippermetti d-dhul ta' dawl skond il-limiti permessi.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma' l-akkuzat bhala recidiv u dan ai termini tal-Art. 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna l-konfiska ta' armi regolari jew munizzjon.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tħassar jew tissospendi liċenza maħruġa taħt dan l-Att u/jew tipprojbixxi lill-hati milli jkollu licenzja taht l-Att Dwar l-Armi Kapitolu 480.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-3 t'April, 2017, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi ma jidhirx li saret xi investigazzjoni ulterjuri mill-pulizija ezekuttiva dwar il-provvenjenza tad-deheb li l-imputat jistqarr li jiswa €25,000 u dan tenut dak li jipprovdi l-artikolu 23C tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni ferm bikrija tieghu, il-fedina penali mtappna tieghu, u tac-cirkostanzi l-ohra kollha fosthom li fl-interrogatorju tieghu ma kienx kollaborattiv ghal kollox u rrifjuta li jwiegeb domandi relatati mal-provvenjenza ta' pistola.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikoli 3, 5(1), 6, 41, 51(1)(2)(7)(8) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-regolament 110A(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (S.L.65.11), fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghaxar (10) xhur prigunerija.

B'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal tlett xhur. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-armi kollha esebiti.

A tenur tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu xi liċenza taħt dak l-Att għal żmien hames snin.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**